*-ritrattazzjoni*

*- ġurnata li fiha l-attur ikun ġie jaf bis-sentenza*

*-Art. 818(1)(b) Kap 12*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 149/2013GM**

**Avukat Dr Marisa Azzopardi numru tal-karta tal-identita 397979M għan-nom u in rappresentanza tal-Joint Official Liquidators Mark Byers, Hugh Dickson u Stephen Akers tas-soċjeta estera in official liquidation Saad Investments Co Ltd, kumpanija reġistrata fl-indirizz 10, Market Street, Box 765, Camana Bay, Grand Cayman, Kyi 9006, Cayman Isolands, bin-numru ta' reġistrazzjoni 36729.**

**vs**

**Saadgroup Bank Europe Limited (C-42623)**

**Seduta ta' nhar it-3 t'Ottubru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' Saadgroup Bank Europe Limited ("**SBEL**") ipprezentat fl-**14 ta' Frar 2013** li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex:

(1) tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija minnha fit-12 ta' Ġunju 2012 fl-ismijiet *L-Avukat Dr. Marisa Azzopardi (numru tal-karta ta' l-identita` 397979 (M)) għan-nom u in rappreżentanza tal-Joint Official Liquidators Mark Byers, Hugh Dickson u Stephen Akers tas-soċjeta` estera in official liquidation Saad Investments Company Limited, kumpanija reġistrata fl-indirizz 10, Market Street, Box 765, Camana Bay, Grand Cayman, KY1 9006, Cayman Islands, bin-numru ta' reġistrazzjoni 36729 vs Saadgroup Bank Europe Limited (C– 42623)* (Rik. Ġur. Nru 95/2012/SM) u

(2) tordna s-smiegħ mill-ġdid tal-istess kawża;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ppreżentata fit-23 ta' Marzu 2013 li permezz tagħha s-soċjeta` ritrattata **Saad Investments Co Ltd ("SICL")** eċċepiet illi li t-talba għar-ritrattazzjoni għandha tiġi miċħuda billi:

(i) preliminarjament, l-azzjoni hija perenta *ai termini* ta' l-art. 818(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u

(ii) mingħajr preġudizzju, li l-bank Saadgroup Bank Europe Limited ġie debitament notifikat;

Rat il-verbal tal-5 ta' Lulju 2016 li permezz tiegħu il-kawża ġiet differita għas-sentenza "fuq l-eċċezzjoni preliminari"[1];

[1] Fol 454A

Rat in-nota konġunta tal-partijiet tal-10 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha l-partijiet spjegaw li l-"eċċezzjoni preliminari" msemmija fil-verbal tal-5 ta' Lulju 2016 tirreferi biss għall-ewwel eċċezzjoni u ċjoe` dik tal-perenzjoni *ai termini* tal-art. 818(b) tal-Kap 12;

Ikkunsidrat:

IL-FATTI

Illi qabel ma nidiet il-kawża ritrattanda, **SICL** bagħtet żewġ ittri tinforma lil **SBEL** li kienet ser tinbeda din l-azzjoni.[2] L-ewwel ittra ġiet riċevuta fl-uffiċju reġistrat ta' **SBEL** u ffirma għaliha s-Sur Mike Weatherall.[3] It-tieni ittra, anke minħabba n-natura ta' l-allegazzjonijiet magħmula, ntbagħatet ukoll lill-awdituri tal-bank SBEL. Meta baqgħet mingħajr ebda risposta, **SICL** fetħet il-kawża;

Illi permezz ta' rikors tat-2 ta' Marzu 2012[4] talbet sabiex tkun tista' tipproċedi bin-notifika ta' **SBEL** wara l-ħin legali, u, fin-nuqqas, bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni. Il-Qorti[5], b'digriet tas-6 ta' Marzu 2012 ordnat biss li n-notifika ssir wara l-ħinijiet legali. L-ewwel riferta ġiet negativa stante illi 'ma fetaħ ħadd'.[6] It-tieni riferta wkoll ġiet negattiva.[7]

Illi SBEL għaddiet biex tagħmel il-pubblikazzjonijiet kollha neċessarji fil-gazzetta tal-gvern u l-gazzetti lokali.[8] In oltre, saret l-affisjoni fil-postijiet indikat fl-artikolu 187(5) tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta, u *cioe*, fl-uffiċju reġistrat tal-kumpannija, fil-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan kif ukoll fl-għassa tal-Pulizija ta'

[2] Kopja ta' l-ewwel ittra diġa ġiet eżebita fil-proċess 95/2012 Vide Dokument "SICL 4" a fol 26-31 tal- process bin-numru 95/2012[2] u t-tieni ittra ġiet esibita f'din il-proċedura u mmarkata Dokumenti "**MA2**".
[3] Vide konferma ta' dan fid-dokument "SICL5" eżebit mar-rikors ġuramentat numbru 95/2012
[4] fol 42 tal-proċess tal-kawża ritrattanda
[5] ibid, fol 43
[6] Vide fol 38 tal-proċess bin-numru 95/2012
[7] Vide fol 40-41 tal-proċess bin-numru 95/2012
[8] Vide fol 48/51 tal-proċess 95/2012

San Ġiljan.[9] Inżammu tlett seduti mill-Qorti. L-ewwel seduta ġiet appuntata għas-16 ta' Mejju 2012. Fis-16 ta' Mejju 2012, l-Ewwel Qorti ddifferiet il-proċeduri għad-29 ta' Mejju 2012 u dakinhar wara li rat li saru l-pubblikazzjonijiet meħtieġa, ddifferiet għall-aħħar darba għat-12 ta' Ġunju 2012. F'din id-data, la kien hemm risposta u lanqas ma deher ħadd mill-bank SBEL u kien għalhekk li l-Ewwel Onorabbli għaddiet biex tagħti s-sentenza.[10] Mis-sentenza ma ġie ntavolat l-ebda appell.

Illi SBEL talbet, u kisbet, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 984/2012.[11] Wara dan il-mandat, l-HSBC Bank (Malta) plc iddepożita s-somma ta' €1,860.64.[12] L-esponenti nomine talbet tiżbanka l-imsemmija somma u wara li saru n-notifiki permezz tal-pubblikazzjonijiet u l-affissjonijiet, ġiet awtorizzata tiżbanka.[13] L-iżbank sar fid-9 ta' Ottubru 2012[14];

Illi wara kważi tmien xhur mis-sentenza u ħames xhur mid-data ta' l-iżbank, SBEL talbet ir-ritrattazzjoni tas-sentenza għaliex skontha ma ġietx debitament notifikata;

### *Onus tal-prova tad-data ta' meta r-ritrattand sar jaf bis-sentenza*

Illi r-ritrattata tissottometti li sta għar-ritrattant - il-bank SBEL - li juri li jeżistu l-elementi neċessarji għall-ritrattazzjoni, nkluż allura d-data meta sar jaf bil-fatt li hemm sentenza kontrieh u li minn dakinhar it-tlett xhur għadhom ma ddekkorrewx;

---

[9] Vide fol 46/47 tal-proċess 95/2012
[10] Vide verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2012
[11] Vide kopja tal-mandat hawn anness u mmarkat "**MA3**"
[12] Vide kopja taċ-ċedola hawn annessa u mmarkata "**MA4**"
[13] Vide kopja tar-rikors għall-iżbank u d-digrieti u r-riferti relattivi annessi u mmarkati "**MA5**"
[14] Vide kopja ta' l-iżbank fid-dokument hawn anness u mmarkat "**MA5**"

Illi kuntarjament għal dak li qed issostni s-soċjeta` ritrattata , skont pronunzjament awtorevoli tal-Qorti tal-Appell[15], l-*onus* tal-prova tal-bidu tad-dekorriment tat-terminu dekadenzjali qiegħed fuq ir-ritrattat, u mhux fuq ir-ritrattant. Dik il-Qorti ma qablitx mal-ewwel qorti li t-terminu hu element kostituttiv u allura l-piż qiegħed fuq ir-ritrattant biex jipprova li fetaħ il-kawża tar-ritrattazzjoni entro t-terminu. Hija qalet li:

> "issa huwa veru illi l-piż tal-prova jaqa' fuq l-attur meta t-terminu għandu jgħodd **mill-ġrajja ta' fatt materjali**, bħal, per eżempju, fl-azzjoni ta' reintegrazzjoni, fejn iż-żmien ta' xahrejn jitqies mill-fatt tal-ispoll. Iżda, meta ż-żmien għandu jiddekorri minn meta l-attur ikun jaf b'fatt, il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna rrikonoxxiet illi ċ-ċaħda tal-attur li hu kien jaf qabel iż-żmien preskritt għandha tiġi attiża sakemm il-konvenut ma jassumix li jipprova, u fil-fatt jipprova, konkludentement il-kuntrarju."

Illi l-**Qorti tal-Appell** ssemmi l-każ tad-dritt ta' preferenza, *ex*-Art. 1600 Kod Civ, eżerċitabbli sa għeluq sena minn meta l-padrun dirett isir jaf bit-trasferiment (**Apap Bologna v Cassar Torreggiani** 21.05.1951; Galea Naudi v Dr Bianchi 29.01.1951; **Portanier v Attard** 10.12.1951 – ilkoll Appell Civili). Il-**Prim'Awla,** in re: **Zammit v Abela** 27.06.1953 Vol XXXVII.ii.741 qalet li:

> "si tratta f'din il-materja ta' dik li d-dottrina tikkwalifika bħala *ignorantia facti,* li hija dejjem preżunta sakemm ma ssirx il-prova kuntrarja. *"praesumuntur ignorantia facti ubi scientia non probatur" (Jurisp. Univ. Lib IV $543).* Għalhekk l-attriċi tibqa' assistita minn din il-preżunzjoni, sakemm il-konvenut, b'mod adegwat, ma jippruvax li hija kienet taf bit-trasferiment";

[15] 09.06.1958, Appell Civili - komposta mill-Profs. Anthony Mamo President; u A. J. Montanaro Gauci u William Harding XLII.i.351

**L-istess Qorti tal-Appell** semmiet ukoll l-Art 1616 tal-Kodiċi Ċivili (illum 1527(3) tal-Kap 16) li jiffakoltizza kompussessur ta' ħaġa jitlob l-annullament tal-kiri tagħha magħmula bla awtorita` minn kompussessur ieħor, basta jagħmel it-talba fi żmien xahrejn minn dakinhar li sar jaf bil-kiri, u ċċitat lil **Agius v Farrugia**[16]**:**

> **"**Huwa konformi għall-prinċipji regolanti l-piż tal-prova illi x-xjenza tal-kiri fil-kompussessur intant għandu jippruvaha min jallega dik ix-xjenza ... u fil-każ li din il-prova ma tkunx adegwata, jew anki fil-każ ta' dubju, l-allegata xjenza għandha tkun respinta",

Għalhekk, ikkonkludiet l-istess **Qorti tal-Appell:**

> "Ma jidhirx li hemm raġuni għaliex l-istess prinċipju ma għandux japplika... fejn... iż-żmien utli għat-talba għar-ritrattazzjoni similment jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha l-atturi ġew jafu bis-sentenza attakkata. Li kieku l-ewwel Qorti imxiet fuq dan il-prinċipju, minflok il-postulat kuntrarju, u esiġiet il-prova tax-xjenza preċedenti mingħand il-konvenut, u tat lill-attur anżikke` lill-konvenut il-benefiċċju tad-dubbju, il-konklużjoni tagħha ma setgħetx ħlief tkun favorevoli għall-attur";

Ikkunsidrat:

***provi dwar id-data tax-xjenza***

Illi SBEL isostnu li saru jafu meta ngħataw il-parir legali. Iżda l-provi juru li kienu jafu qabel - skont SICL, mill-05.10.2012, meta Mike Weatherall irċieva r-rapport ta' Grant Thornton;

---

[16] 27.01.1958 Prim'Awla

Illi Stephen Akers fl-affidavit tiegħu jikkonferma li d-dettalji ta' Mike Weatherall huma d-dettalji li tawhom l-MFSA bħala d-dettalji tal-persuna li tirrapreżenta l-SBEL f'Malta.[17] Id-dettalji tal-indirizz elettroniku wkoll huma l-istess mike@saadgroup.com. Mike Weatherhall kien ukoll il-persuna li ffirmat għall-ittra li ntbagħtet fl-uffiċċju reġistrat f'Portomaso fejn il-Bank ritrattand ġie mitlub iħallas. Dan jirriżulta mir-rapport tal-courier li jindika li Mike Weatherhall iffirma għall-irċevuta tal-ittra li ntbagħtet fil-15 ta' Lulju 2010. Kif ġja` ngħad, irċieva wkoll ir-rapport ta' Grant Thorton li jġib id-data tal-5 t'Ottubru 2012. B'danakollu, SBEL jargumenta li Weatherhall ma jirrapreżentaħx;

**Illi Weatherhall qabbad li ċertu Edward Pearson biex jikkomunika ma' Ganado Advocates sabiex jagħtuh parir dwar il-kawża. Fil-**5.11.2012 Edward Pearson kiteb lil av. Conrad Portanier ta' Ganado and Associates u qallu li rriferieh għandu Mike Weatherhall dwar is-sentenza kontumaċjali. **Dan ifisser li l-bank kien jaf bil-kawża tal-inqas minn din id-data. SBEL jargumenta li Weatherhall u Pearson ma jirrapreżentawħx. Huwa minnu li l-ingaġġ formali ta' Ganado Associates ma sarx minnhom iżda sar minn ċertu Michael Alexander għan-nom ta' SBEL;** datata 8 ta' Novembru 2012; li ġiet iffirmata minn **Michael Alexander għal SBEL** fit-13.11.2012. Aldo Giordano, rappreżentant tal-MFSA xehed li wara li l-operat ta' SBEL ġie sospiż fit-2009, il-contact persons għall-istess bank kienu Mike Weatherall u Michael Alexander.[18] Dan ġie kkonfermat ukoll mix-xhud Stephen Akers, *insolvency practioner* fir-Renju Unit[19];

Illi r-ritrattand innifsu ħalef, f'paragrafu 2 tar-rikors ġuramentat tiegħu:

[17] Appendix 3 mal-affidavit ta' Stephen Akers a fol 413-417
[18] fol 374-375
[19] fol 406; fol 413-417

> “Illi kif sejjer jiġi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni ta’ din il-kawża, **il-Bank rikorrent ġie l-ewwel darba a konjizzjoni ta’ dawk il-proċeduri u tas-sentenza in kwistjoni fl-ewwel ġimgħa ta’ Novembru 2012** meta f’rapport tal-awdituri issemma għall-ewwel darba li l-*Joint Official Liquidators* ta’ SICL kienu bdew proċeduri f’Malta għall-irkupru ta’ kreditu inġenti allegatament dovut mill-istess Bank rikorrent SBEL li mill-ewwel ipproċeda bil-ħatra ta’ avukati f’Malta li irrintraċċjaw il-proċeduri u s-sentenza fir-reġistru tal-Qrati Superjuri”;

Illi mill-ewwel ġimgħa ta’ Novembru 2012 sakemm ġiet istitwita din il-kawża ta’ ritrattazzjoni fl-14 ta’ Frar 2013 għaddew iktar minn tlett xhur.

Illi għalhekk ir-ritrattand fetaħ il-kawża jgħid li kellu l-għarfien tas-sentenza fil-bidu ta’ Novembru 2012 mir-rapport tal-awdituri u spiċċa jmieri lilu nnifsu; jgħid li x-xjenza kienet tal-grupp tal-kumpannija li tagħha huwa jifforma parti, u mhux tiegħu; jallega li Weatherhall u Pearson ma kinux qegħdin jaġixxu f’ismu; u fl-aħħarnett isostni li d-data tal-għarfien tiegħu tal-kawża għandha tkun id-data ta’ meta rċieva l-parir legali mingħand Ganado Associates. Issa apparti li l-atti juru li l-persuna in kwistjoni kienet tabilħaqq rappreżentant tiegħu, iċ-ċaqlieq tal-lasta – speċifikament tad-data tax-xjenza - u l-kontradizzjoni lampanti fl-istqarrijiet tar-ritrattant - ma jgħinux biex jagħtu kredibilita` lir-ritrattant. Jirriżulta għalhekk li r-ritrattat irnexxielha tipprova li r-ritrattant fetaħ din il-proċedura ta’ ritrattazzjoni barra miż-żmien, bi provi li ressqet hi li huma kkorroborati bl-ammissjoni tar-ritrattant innifsu huwa u jiftaħ din il-kawża. Għalhekk skarikat b’mod sodisfaċenti l-piż tal-prova li kien jinkombi fuqha a tenur tal-ġurisprudenza suċċitata;

Illi l-ġurisprudenza tagħna nterpretat il-kliem tal-liġi (Art. 818(1)(b)) **“l-attur ikun ġie jaf bis-sentenza”** fis-sens li ebda formalita` ma hi meħtieġa; biżżejjed ikun jaf li ngħatat sentenza; “dan il-fatt jista’ jiġi arguwit u deżunt mill-provi u

ċirkostanzi li jnisslu fil-ġudikant il-konvinċiment li l-attur kien jaf[20]. Fis-06.11.2012 Pearson kiteb lill-avukat Portanier u qallu li jaf li hemm is-sentenza kontumaċjali. Kien jaf bid-data tas-sentenza u l-ammont reklamat. Kien jaf li hemm is-sekwestru wara s-sentenza u wkoll il-passi li l-kredituri kien fi ħsiebhom jieħdu;

Illi għalhekk jirriżulta b'mod ċar li r-ritrattand fetaħ din il-kawża wara l-għeluq tat-terminu perentorju ta' tlett xhur minn meta sar jaf bis-sentenza;

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tal-perenzjoni tal-azzjoni u konsegwentement tiċħad l-ewwel talba *in rescindente* tar-ritrattand.

Bl-ispejjeż a kariku tar-ritrattand.

Moqrija.

**ONOR. IMĦALLEF**
**GRAZIO MERCIECA**

---

[20] Joseph Mangion v Joseph Cassar, 27.04.1999, Appell iċċitata mill-Qorti tal-Appell in re: Said International Limited v MAC Limited – 07.07.2003, per Imħ. Philip Sciberras – data minn meta r-ritrattant irċieva mandat eżekuttiv wara s-sentenza; A v B Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) 13.04.2007 – data minn meta r-ritrattant ġiet Malta u qabbdet avukat sabiex jagħmel il-verifiki meħtieġa; AB kif rappreżentata f'Malta minn C u D konjuġi E v FB Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) 06.12.2012 – data meta avukat mqabbad mir-ritrattanti bagħat e-mail tgħid li l-klijenta tiegħu se tikkontesta s-sentenza